REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/26

tat-30 ta' Ottubru 2024

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet, l-emendi, il-kanċellazzjonijiet, l-infurzar tal-protezzjoni, it-tikkettar u l-komunikazzjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34 fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid, u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014 u (UE) 2021/1236

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13(5), 17(11), 22(8), 24(11), 25(6), 45(4), 50(2), 54(3), 57(4), 61(11), 65(3), 66(4), 67(5), 70(4) u 77(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 jistabbilixxi qafas komuni uniku tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fi tliet setturi agrikoli: inbid, xarbiet spirituż u prodotti agrikoli. Għal dan l-għan, huwa emenda r-Regolamenti li qabel kienu jipprevedu oqfsa separati f'dawk is-setturi. Ir-Regolament (UE) 2024/1143 emenda b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) rigward l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid u r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) rigward l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tax-xarbiet spirituż, u ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel.

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 jinkludi dispożizzjonijiet eżawrjenti dwar il-proċeduri għar-reġistrazzjoni, għall-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u għall-kanċellazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-setturi agrikoli kollha (prodotti agrikoli, inbejjed u xarbiet spirituż) u tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u dwar il-protezzjoni u l-infurzar tagħhom. Ir-Regolament (UE) 2024/1143 jinkludi wkoll ir-regoli dwar il-kontrolli fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u xarbiet spirituż u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti. Barra minn hekk, dak ir-Regolament fih taqsima speċifika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għas-settur tal-prodotti agrikoli, li tipprovdi regoli dwar id-definizzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-kontenut tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u tad-dokument uniku u regoli speċifiċi dwar l-akkwist tal-għalf u tal-materja prima u dwar il-varjetajiet tal-pjanti u r-razez tal-annimali. Sabiex jiġu armonizzati bis-sħiħ ir-regoli dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-setturi agrikoli kollha (prodotti agrikoli, inbejjed u xarbiet spirituż), ir-Regolament (UE) 2024/1143 jemenda wkoll ċerti regoli dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid u tax-xarbiet spirituż, li huma previsti fir-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2019/787, rispettivament. B'mod partikolari, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw id-definizzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-settur tal-inbid u d-definizzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tax-xarbiet spirituż, il-kontenut tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u tad-dokument uniku fiż-żewġ setturi, il-kontrolli fis-settur tal-inbid u regoli speċifiċi oħra.

([1]) ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/787/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj).

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-setturi agrikoli kollha u tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u b'mod partikolari biex jiġi ssimplifikat u razzjonalizzat il-funzjonament ta' dawn is-sistemi, ċerti regoli jridu jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni filwaqt li r-regoli ta' implimentazzjoni l-qodma għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2019/787 jenħtieġ li jiġu adattati għall-qafas legali l-ġdid stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/1143.

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza, konsistenza u trasparenza, jenħtieġ li jiġu ċċarati l-formalitajiet għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni ta' indikazzjoni ġeografika għal indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fl-Unjoni u barra minnha. Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' reġistrazzjoni uniformi u effiċjenti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti kontenut u formoli uniformi għad-dokument uniku. Jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu għat-tul ta' dokumenti uniċi sabiex ikun hemm proċess aktar simplifikat u għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni.

(5) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għaċ-ċekkjar formali preliminari biex tiġi rrifjutata applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni jew ta' talba għall-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni, li tikkonċerna indikazzjoni ġeografika, li tkun evidentement insuffiċjenti jew mhux kompluta biex jiġu prevenuti applikazzjonijiet u talbiet makakki u biex jiġi ffaċilitat u aċċellerat l-eżami tal-Kummissjoni.

(6) Jenħtieġ li jiġu pprovduti regoli dwar il-pubblikazzjoni għall-informazzjoni ta' dokumenti uniċi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li qatt ma ġew ippubblikati sabiex l-indikazzjonijiet ġeografiċi li ġew irreġistrati fil-passat, mingħajr il-pubblikazzjoni ta' dokument uniku, ikunu jistgħu jiġu allinjati mar-regoli aktar reċenti li jipprevedu li indikazzjoni ġeografika għandha tkun akkumpanjata minn dokument uniku.

(7) Iż-żona ġeografika tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li għalihom qed tintalab il-protezzjoni jenħtieġ li tiġi deskritta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'mod dettaljat, preċiż u inekwivoku li jippermetti lill-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi ta' kontroll joperaw fuq bażijiet ċerti, konklużivi u affidabbli.

(8) Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem jew għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika li tkopri prodotti distinti, jeħtieġ li jiġi definit f'liema każijiet il-prodotti li jkollhom l-istess isem irreġistrat jitqiesu bħala prodotti distinti. Sabiex jiġi evitat li prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika jiġu kkummerċjalizzati bl-użu ta' isem irreġistrat, jenħtieġ li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni għal kull prodott distint kopert minn applikazzjoni.

(9) F'każ ta' bidliet sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, wara l-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni, jenħtieġ li l-proċess jiġi ċċarat sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna indikazzjoni ġeografika li toriġina f'pajjiż terz, jenħtieġ li l-proċess jiġi ċċarat b'referenza għad-dokumenti li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

(10) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ proċeduri uniformi u effiċjenti fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-oppożizzjonijiet, tan-notifiki tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet wara proċedura ta' oppożizzjoni, tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emendi tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, tal-komunikazzjonijiet ta' emenda standard u temporanja tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, u tat-talbiet għall-kanċellazzjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar il-kontenut tal-formoli li għandhom jintużaw u l-mod kif għandhom isiru dawk il-preżentazzjonijiet. Jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu għat-tul tal-applikazzjonijiet għal emenda tal-Unjoni sabiex ikun hemm proċess aktar simplifikat u għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni. Jenħtieġ li tiġi evitata l-pubblikazzjoni ta' *data* personali, sakemm ma jkunx meħtieġ għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-proċeduri.

(11) Jenħtieġ li l-proċedura biex Stat Membru jibda proċedura ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess tiġi pprovduta sabiex tippermetti l-kanċellazzjoni ta' ismijiet skaduti fin-nuqqas ta' gruppi ta' produtturi. Jenħtieġ li l-proċedura biex il-Kummissjoni tibda proċedura ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess tiġi pprovduta wkoll bħala garanzija għall-effiċjenza tas-sistema.

(12) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-uniformità tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Istati Membri, jeħtieġ li jiġu adottati regoli dwar il-kontenut u l-forma tar-reġistru elettroniku tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilit skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1143. Jeħtieġ li dak ir-reġistru jkun bażi tad-*data* elettronika maħżuna f'sistema ta' informazzjoni, u aċċessibbli għall-pubbliku.

(13) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u formoli fir-rigward tal-attestazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, stabbilita fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

(14) Għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jiġu adottati regoli speċifiċi dwar id-deskrizzjoni tal-prodott għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li jikkonċernaw is-settur tal-prodotti agrikoli. Sabiex ikun jista' jsir eżami faċli u rapidu tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem jew għall-approvazzjoni ta' emenda, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-prodott ikun fiha biss elementi rilevanti, li jistgħu jitkejlu u jiġu vverifikati. Jeħtieġ li jiġu evitati repetizzjonijiet, rekwiżiti impliċiti u partijiet żejda.

(15) Jenħtieġ li jiġi stabbilit obbligu li jiġu inklużi regoli dettaljati dwar l-oriġini u l-kwalità tal-għalf fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li l-ismijiet tagħhom huma rreġistrati bħala denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, sabiex tiġi ggarantita kwalità uniformi tal-prodott. Jenħtieġ li jiġi armonizzat il-mod kif jiġu abbozzati dawk ir-regoli.

(16) Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-settur tal-prodotti agrikoli tinkludi l-miżuri meħuda biex jiġi żgurat li l-prodott joriġina miż-żona ġeografika ddefinita. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu ċari u ddettaljati sabiex jippermettu li jiġu traċċati l-prodott, il-materja prima, l-għalf u oġġetti oħrajn li jkunu ġejjin miż-żona ġeografika ddefinita.

(17) Għal raġunijiet ta' ċarezza, konsistenza u trasparenza, jenħtieġ li jiġu ċċarati l-kontenut u l-formalitajiet għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita ppreżentati mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi. Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' reġistrazzjoni uniformi u effiċjenti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti kontenut u formoli uniformi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

(18) Jenħtieġ li jiġi previst mekkaniżmu għaċ-ċekkjar formali preliminari biex tiġi rrifjutata applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda jew ta' talba għall-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni, li tikkonċerna speċjalità tradizzjonali garantita, li tkun evidentement insuffiċjenti jew mhux kompluta, biex jiġu prevenuti applikazzjonijiet u talbiet makakki u biex jiġi ffaċilitat u aċċellerat l-eżami mill-Kummissjoni.

(19) Għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jiġu adottati regoli speċifiċi dwar id-deskrizzjoni tal-prodott u l-metodu ta' produzzjoni għall-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti. Sabiex ikun jista' jsir eżami faċli u rapidu tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem jew approvazzjoni ta' emenda, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-prodott u tal-metodu ta' produzzjoni jkun fiha biss elementi rilevanti, li jistgħu jitkejlu u jiġu vverifikati. Jenħtieġ li jiġu evitati repetizzjonijiet, rekwiżiti impliċiti u partijiet żejda.

(20) Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' isem jew għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' speċjalità tradizzjonali garantita li tkopri prodotti distinti, jeħtieġ li jiġi definit f'liema każijiet il-prodotti li jkollhom l-istess isem irreġistrat jitqiesu bħala prodotti distinti. Sabiex jiġi evitat li prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni jiġu kkummerċjalizzati bl-użu ta' isem irreġistrat, jenħtieġ li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni għal kull prodott distint kopert minn applikazzjoni.

(21) F'każ ta' bidliet sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, wara l-iskambji bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni, jenħtieġ li l-proċess jiġi ċċarat sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita sottomessa minn pajjiż terz, jenħtieġ li l-proċess jiġi ċċarat b'referenza għad-dokumenti li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

(22) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ proċeduri uniformi u effiċjenti fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-oppożizzjonijiet, tan-notifiki tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet wara proċedura ta' oppożizzjoni, tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, u tat-talbiet għall-kanċellazzjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar il-kontenut tal-formoli li għandhom jintużaw u l-mod kif għandhom isiru dawk il-preżentazzjonijiet. Jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu għat-tul tal-applikazzjonijiet għal emenda sabiex ikun hemm proċess aktar simplifikat u għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni. Jenħtieġ li tiġi evitata l-pubblikazzjoni ta' *data* personali, sakemm ma titqiesx meħtieġa għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-proċeduri.

(23) Jenħtieġ li l-proċedura biex il-Kummissjoni tibda proċedura ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess tiġi pprovduta wkoll bħala garanzija għall-effiċjenza tas-sistema.

(24) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-uniformità fl-Istati Membri, jeħtieġ li jiġu adottati regoli dwar il-kontenut u l-forma tar-reġistru elettroniku tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2024/1143. Jenħtieġ li dak ir-reġistru jkun bażi tad-*data* elettronika maħżuna f'sistema ta' informazzjoni, u aċċessibbli għall-pubbliku.

(25) Għal raġunijiet ta' trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għall-kanċellazzjonijiet ta' reġistrazzjonijiet ta' speċjalità tradizzjonali garantita mill-produtturi, kif imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143, ikunu akkumpanjati minn spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-kanċellazzjoni. L-istadju nazzjonali tal-proċedura jista' ma jiġborx flimkien il-produtturi kollha tal-prodott dežinjat mill-ispeċjalità tradizzjonali garantita li għaliha tkun intalbet il-kanċellazzjoni. Jenħtieġ li l-gruppi ta' produtturi ta' dak il-prodott, possibbilment stabbiliti jew residenti fi Stat Membru differenti minn dak li minnu toriġina t-talba għall-kanċellazzjoni, jitqiegħdu f'pożizzjoni li jippreżentaw oppożizzjoni li tkun infurmata bis-sħiħ.

(26) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u formoli fir-rigward tal-attestazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott stabbilita fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

(27) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-użu ta' simboli u indikazzjonijiet fuq il-prodotti kkummerċjalizzati skont denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi jew speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, inkluż dwar il-verżjonijiet lingwistiċi xierqa li għandhom jintużaw.

(28) Jenħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli dwar l-użu ta' ismijiet irreġistrati flimkien mas-simboli, l-indikazzjonijiet jew l-abbrevjazzjonijiet korrispondenti.

(29) Fl-interessi ta' ġestjoni amministrattiva effettiva u fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-użu ta' sistemi ta' informazzjoni implimentati mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-komunikazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu simplifikati u jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi skambjata f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 ([5]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([6]).

(30) Il-Kummissjoni stabbiliet sistema ta' informazzjoni, "E-Ambrosia", għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għall-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għall-emenda tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jużaw din is-sistema għall-finijiet ta' komunikazzjoni dwar il-proċeduri relatati mal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, għall-approvazzjoni tal-emendi tal-Unjoni u għall-komunikazzjoni ta' emendi standard u temporanji. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jitħallew ukoll jużaw din

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1183/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1185/oj).

is-sistema għall-finijiet ta' komunikazzjoni dwar il-proċeduri relatati mal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni ta' emendi ta' speċjalitajiet tradizzjonali garantiti. Madankollu, minħabba sistema stretta ta' akkreditazzjoni, jenħtieġ li din is-sistema ma tintużax għall-komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar oppożizzjonijiet u talbiet għall-kanċellazzjoni, kemm għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kif ukoll għall-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u jenħtieġ li ma tintużax għal komunikazzjonijiet ma' pajjiżi terzi. Minflok, għall-proċeduri ta' oppożizzjoni u t-talbiet għall-kanċellazzjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-gruppi ta' produtturi, kif ukoll il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom interess leġittimu skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jikkomunikaw mal-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika.

(31) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 ([7]), li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li jitħassru, minħabba li se jkunu f'konflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, li japplika wkoll għas-settur tal-inbid. Dispożizzjonijiet oħra fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34, li mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1143, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli, jenħtieġ li jinżammu jew jiġu adattati wara l-emendi li r-Regolament (UE) 2024/1143 għamel lir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(32) Peress li r-Regolament (UE) 2024/1143 ċaqlaq ir-regoli dwar il-verifika tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-settur tal-inbid mir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) fir-rigward ta' sistema xierqa ta' ċċekkjar għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li r-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-verifika tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fis-settur tal-inbid, li huma previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34, ma jibqgħux jirreferu għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Jenħtieġ li r-referenza għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 titħassar mit-titolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34.

(33) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34 jiġi emendat kif xieraq.

(34) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([9]), li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1236 ([10]), li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/787, jitħassru, peress li d-dispożizzjonijiet tagħhom se jkunu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, li japplikaw ukoll għas-setturi tal-prodotti agrikoli u tax-xarbiet spiritużi.

(35) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għal prodotti agrikoli, inbid u xarbiet spiritużi,

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, l-emendi tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti, ir-reġistru ta' ismijiet protetti, it-tħassir tal-protezzjoni u l-użu ta' simboli, u tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward sistema xierqa ta' kontrolli (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/34/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/668/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1236 tat-12 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xarbiet spiritużi, il-proċedura ta' oppożizzjoni, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni, l-użu tas-simbolu u l-kontroll (ĠU L 270, 29.7.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1236/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONI INTRODUTTORJA

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta':

(a) proċeduri għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, għall-approvazzjoni tal-emendi tal-Unjoni, għall-komunikazzjoni ta' emendi standard, għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjonijiet, għall-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u għall-istabbiliment ta' sistema ta' attestazzjoni tal-konformità għall-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(b) proċeduri għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, għall-approvazzjoni tal-emendi, għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjonijiet, għall-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u għall-istabbiliment ta' sistema ta' attestazzjoni ta' konformità għall-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti;

(c) it-tikkettar u l-komunikazzjonijiet għal indikazzjonijiet ġeografiċi u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti.

KAPITOLU II

Indikazzjonijiet ġeografiċi

Artikolu 2

Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni

1. Id-dokument uniku, id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, id-dikjarazzjoni mill-Istat Membru li tikkonferma li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, kwalunkwe perjodu tranżizzjonali mogħti jew propost mill-awtoritajiet nazzjonali wara l-eżami nazzjonali u l-proċedura ta' oppożizzjoni, informazzjoni dwar l-oppożizzjoni ammissibbli relatata, u r-referenza tal-pubblikazzjoni elettronika għall-ispeċifikazzjoni aġġornata, imsemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandhom jitfasslu f'konformità mal-formoli magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) ta' dak ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kopja tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott flimkien mar-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tagħha.

2. Fejn applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tkun relatata ma' żona ġeografika barra mill-Unjoni, id-dokument uniku u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-pajjiż terz tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jitfasslu f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness I għal kull settur agrikolu (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi). L-ispeċifikazzjoni tal-prodott, id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, il-prova legali tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż tal-oriġini, kif ukoll il-prokura, fejn applikabbli, imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punti (a), (c), (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2024/1143, rispettivament, għandhom jiġu kkomunikati mingħajr ma jintuża mudell speċifiku. Id-dokumenti skont dan il-paragrafu għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni f'format li jippermetti il-proċessar tat-test. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. Minbarra l-elementi msemmija fil-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, applikazzjoni konġunta għar-reġistrazzjoni għandu jkun fiha l-elementi msemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 3

Iċċekkjar formali tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk applikazzjoni għar-reġistrazzjoni hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 10(6), l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/1143 u l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

2. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li tikkonċerna prodott li joriġina fl-Unjoni għandha titqies kompluta jekk tinkludi l-elementi kollha meħtieġa għal applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 u tikkonforma mal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament.

3. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li tikkonċerna prodott li joriġina f'pajjiż terz għandha titqies kompluta jekk tinkludi l-elementi kollha meħtieġa għal applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 u tikkonforma mal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament.

4. Id-dokument uniku għandu jitqies komplut jekk jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew l-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2019/787 għall-prodotti agrikoli, l-inbid u x-xarbiet spiritużi, rispettivament.

5. Applikazzjoni sottomessa b'suċċess permezz tas-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 35 għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċekkjar formali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Applikazzjoni sottomessa permezz tal-posta elettronika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 4

Preżentazzjoni tad-dokument uniku

1. Id-dokument uniku tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u x-xarbiet spiritużi għandu jkun konċiż u ma għandux jaqbeż l-2 500 kelma. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid ma għandux jaqbeż il-5 000 kelma. Dawk il-limiti jistgħu jinqabżu f'każijiet debitament ġustifikati. Id-dokument uniku għandu jindika l-klassifikazzjoni tal-prodott f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għas-setturi kollha.

2. Fejn id-dokument uniku jinkludi rekwiżiti speċifiċi dwar l-imballaġġ u t-tikkettar jew rekwiżiti applikabbli oħra, previsti mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott, kwalunkwe restrizzjoni li tirriżulta minn dawk ir-rekwiżiti għandha tkun akkumpanjata minn sommarju tal-ġustifikazzjoni speċifika għall-prodott li tinsab fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

3. L-Istati Membri, l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jew il-gruppi ta' produtturi stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz għandhom jiżguraw li d-dokument uniku jkun sommarju leali tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u li ma jkun hemm l-ebda diverġenza sostanzjali bejniethom. Fejn tinstab inkonsistenza wara r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, l-Istat Membru, il-pajjiż terz jew il-grupp ta' produtturi stabbilit jew residenti f'pajjiż terz li ssottometta l-applikazzjoni għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrimedja għal dik l-inkonsistenza.

4. L-ismijiet tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma inklużi fid-dokument uniku għandhom jiġu ppubblikati.

Artikolu 5

Pubblikazzjoni ta' dokument uniku għall-informazzjoni

Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li għalihom qatt ma ġie ppubblikat dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru, tippubblika dokument uniku sottomess minn dak l-Istat Membru f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-informazzjoni. Dik il-pubblikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Artikolu 6

Definizzjoni taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 49(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-Artikolu 94(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 22(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2019/787 għandha tiġi definita b'mod preċiż li ma jippreżenta l-ebda ambigwità, b'referenza kemm jista' jkun għall-konfini fiżiċi jew amministrattivi. Mal-applikazzjoni jistgħu jiżdiedu mapep.

Artikolu 7

Deskrizzjoni ta' bosta prodotti distinti

Fejn l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem jew l-approvazzjoni ta' emenda tiddeskrivi żewġ prodotti distinti jew aktar li huma intitolati li jużaw dak l-isem, il-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni għandha tintwera separatament għal kull prodott bħal dan.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "prodotti distinti" tfisser prodotti li, għalkemm jużaw l-istess isem irreġistrat, ikunu differenzjati meta jiġu introdotti fis-suq jew jitqiesu bħala prodotti differenti mill-konsumaturi. Tista' tirreferi wkoll għal prodotti agrikoli koperti minn klassifikazzjonijiet differenti skont in-Nomenklatura Magħquda msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([11]) jew għal inbejjed u xarbiet spirituży koperti minn kategoriji differenti elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/787, rispettivament.

Artikolu 8

Bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott matul il-proċedura ta' applikazzjoni

1. Jekk, wara l-iskambji msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, isiru bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-Istat Membru għandu jaġġorna d-dokument uniku u jiżgura li r-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott twassal għall-verżjoni aġġornata tiegħu.

2. Jekk l-Istat Membru jqis li l-bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma sostanzjali, u b'hekk jaffettwaw l-interessi li ma tqisux fil-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, dawk il-bidliet għandhom ikunu soġġetti għal proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni addizzjonali. F'dik il-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni addizzjonali, l-Istat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni titħalla tissottometti oppożizzjoni qabel ma l-verżjoni aġġornata tad-dokument uniku, adattata għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott aġġornata, tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

3. Jekk, wara l-iskambji msemmija fil-paragrafu 1, ikunu meħtieġa bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal applikazzjoni li tikkonċerna indikazzjoni ġeografika li toriġina f'pajjiż terz, l-applikant tal-pajjiż terz għandu jaġġorna d-dokument uniku u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u jikkomunika dawk il-bidliet lill-Kummissjoni.

Artikolu 9

Preżentazzjoni ta' oppożizzjonijiet u ta' notifiki tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet

1. Oppożizzjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandu jkun fiha:

(a) l-isem ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 li għalih tirreferi l-oppożizzjoni, bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u tas-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) ir-referenza għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li fiha ġie ppubblikat l-isem li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(c) dikjarazzjoni li turi formalment l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dak l-isem;

(d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-awtorità tal-pajjiż terz jew tal-persuna fiżika jew ġuridika li tissottometti l-oppożizzjoni;

(e) deskrizzjoni tal-interess leġittimu tal-persuna fiżika jew ġuridika li ssottomettiet l-oppożizzjoni; dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal awtoritajiet nazzjonali;

(f) indikazzjoni tar-raġunijiet għal oppożizzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(g) raġunijiet sostanzjati li jiġġustifikaw l-oppożizzjoni, inkluż dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti b'appoġġ għall-oppożizzjoni;

(h) awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tittrażmetti kwalunkwe *data* personali li tista' tkun inkluża fl-oppożizzjoni.

Fejn rilevanti, l-oppożizzjoni tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn.

Oppożizzjoni għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness II.

2. In-notifika tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jkun fiha:

(a) l-isem ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(b) ir-referenza għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li fiha ġie ppubblikat l-isem li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(c) l-isem tal-opponent jew tal-opponenti;

(d) ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet;

(e) indikazzjoni dwar jekk id-dokument uniku jew l-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġewx modifikati u deskrizzjoni ta' dawn il-modifiki;

(f) indikazzjoni dwar jekk l-Istat Membru applikant iqisx li huwa meħtieġ li jwettaq proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 ([12]).

Jekk l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tkun ġiet emendata, ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha twassal għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott aġġornata. Jekk ir-referenza ppubblikata f'konformità ma' dak l-Artikolu ma kinitx waħda elettronika, għandha tiġi mehmuża l-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendata.

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Jekk id-dokument uniku jkun ġie modifikat, id-dokument uniku modifikat għandu jinħemeż man-notifika.

In-notifika tat-tmiem tal-konsultazzjonijiet wara l-proċedura ta' oppożizzjoni għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emendi tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott

1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 24(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandu jkun fiha:

(a) l-isem protett li għalih tirreferi l-emenda, bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u s-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika;

(c) l-intestaturi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott u fid-dokument uniku relatati mal-kwistjonijiet affettwati minn kull emenda proposta;

(d) spjegazzjoni li kull emenda proposta taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(e) deskrizzjoni tal-emendi proposti u r-raġunijiet għal kull emenda;

(f) indikazzjoni ta' kwalunkwe emenda standard marbuta b'mod inseparabbli mal-emendi tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27;

(g) indikazzjoni dwar jekk hijiex applikazzjoni wara n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' emenda standard konġunta, f'konformità mal-Artikolu 5(10), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27.

2. Fejn l-applikazzjoni ssir minn Stat Membru, din għandha tkun akkumpanjata minn dan li ġej:

(a) il-verżjoni konsolidata tad-dokument uniku ppubblikata fl-istadju nazzjonali tal-proċedura jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, id-dokument uniku ppubblikat fl-istadju nazzjonali tal-proċedura;

(b) id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(c) ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott konsolidata kif emendata; L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kopja tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott flimkien mar-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tagħha.

3. Fejn l-applikazzjoni ssir minn pajjiż terz jew grupp ta' produtturi stabbilit jew resident f'pajjiż terz, din għandha tkun akkumpanjata minn dan li ġej:

(a) il-verżjoni konsolidata tad-dokument uniku jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, id-dokument uniku;

(b) il-verżjoni konsolidata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(c) ir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-verżjoni konsolidata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fil-pajjiż terz;

(d) prova li l-emenda mitluba tikkonforma mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-seħħ f'dak il-pajjiż terz;

(e) prokura, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2024/1143, fejn xieraq.

4. Il-Kummissjoni għandha tirċievi separatament u ma għandhiex tippubblika bħala parti mill-applikazzjoni:

(a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-grupp ta' produtturi li applika fl-istadju tal-Unjoni tal-proċedura għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-grupp ta' produtturi li beda l-istadju nazzjonali tal-proċedura għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, li jindika jekk huwiex grupp ta' produtturi f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2024/1143 jew grupp ta' produtturi rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament;

(c) kwalunkwe dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punt (b), jew fl-Artikolu 13(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143, kif xieraq.

5. L-Istati Membri, pajjiżi terzi u gruppi ta' produtturi stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz għandhom jiżguraw konsistenza bejn l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott konsolidata u li ma jkun hemm l-ebda diverġenza sostanzjali bejniethom. L-emendi elenkati fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni għandhom jikkorrispondu għall-emendi li jkunu effettivament saru fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Fejn tinstab inkonsistenza wara l-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni, l-Istat Membru, il-pajjiż terz jew il-grupp ta' produtturi applikant li ssottometta l-applikazzjoni għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jirrimedja għal dik l-inkonsistenza.

6. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni għandha tkun konċiża. L-applikazzjoni, inkluż id-dokument uniku, ma għandhiex taqbeż il-5 000 kelma għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u x-xarbiet spiritużi u 7 500 kelma għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

7. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott minn Stat Membru għandha titfassal f'konformità mal-formola magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143. L-applikanti minn pajjiżi terzi għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni f'dik is-sistema diġitali.

8. Għall-finijiet tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament (UE) 2024/1143, flimkien mal-Artikolu 15(4) ta' dak ir-Regolament, minbarra d-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fih, kif emendati, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 11

Iċċekkjar formali tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emendi tal-Unjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 10(6), l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/1143, u mal-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott għandha titqies kompluta jekk tinkludi l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 10(1) sa (4), fejn xieraq, u tikkonforma mal-Artikolu 10(7).

2. Applikazzjoni sottomessa b'suċċess permezz tas-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 35 għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċekkjar formali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Applikazzjoni sottomessa permezz tal-posta elettronika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 12

Komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard

1. Il-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, għandha tinkludi:

(a) l-isem protett li għalih tirreferi l-emenda standard, bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u s-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika;

(c) l-isem tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-grupp ta' produtturi stabbilit jew residenti f'pajjiż terz li jikkomunika l-emenda standard lill-Kummissjoni;

(d) spjegazzjoni li l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda standard kif prevista fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(e) deskrizzjoni tal-emenda approvata, li tindika jekk l-emenda twassalx għal emenda tad-dokument uniku.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-gruppi ta' produtturi u tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Id-dettalji ta' kuntatt ta' tali gruppi ta' produtturi u awtoritajiet ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mill-komunikazzjoni. Madankollu, għandhom jiġu ppubblikati l-ismijiet tagħhom.

2. Fejn l-komunikazzjoni ssir minn Stat Membru, din għandha tkun akkumpanjata minn dan li ġej:

(a) id-deċiżjoni nazzjonali li tapprova l-emenda standard kif ippubblikata, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27;

(b) dikjarazzjoni mill-Istat Membru li tikkonferma li l-approvazzjoni u l-komunikazzjoni tal-emenda standard jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda standard skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan;

(c) fejn rilevanti, il-verżjoni konsolidata tad-dokument uniku, kif emendata, ippubblikata fil-livell nazzjonali jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 5(12) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, id-dokument uniku li se jiġi ppubblikat fil-livell tal-Unjoni għall-informazzjoni;

(d) ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott konsolidata fil-livell nazzjonali, kif emendata. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kopja tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott flimkien mar-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tagħha.

3. Il-komunikazzjonijiet tal-approvazzjoni ta' emenda standard li tikkonċerna prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu akkumpanjati minn dan li ġej:

(a) id-deċiżjoni li tapprova l-emenda standard fil-pajjiż terz, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27;

(b) fejn rilevanti, id-dokument uniku konsolidat kif emendat jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 5(12) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, id-dokument uniku;

(c) il-verżjoni konsolidata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendata;

(d) prova li l-emenda hija applikabbli fil-pajjiż terz.

4. Komunikazzjoni ta' emenda standard approvata minn Stat Membru għandha titfassal f'konformità mal-formola magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

5. Għall-komunikazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għandha tintuża l-formola stabbilita fl-Anness V. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 13

Komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda temporanja

1. Il-komunikazzjoni ta' emenda temporanja approvata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27, għandha tinkludi:

(a) l-isem protett li għalih tirreferi l-emenda temporanja, bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u s-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) l-Istat Membru jew il-pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika;

(c) l-isem tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-grupp ta' produtturi stabbilit jew residenti f'pajjiż terz li jikkomunika l-emenda temporanja lill-Kummissjoni;

(d) deskrizzjoni tal-emenda temporanja approvata flimkien mar-raġunijiet li jappoġġawha, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-grupp ta' produtturi u tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Id-dettalji ta' kuntatt ta' tali gruppi ta' produtturi u awtoritajiet ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mill-komunikazzjoni. Madankollu, għandhom jiġu ppubblikati l-ismijiet tagħhom.

2. Fejn il-komunikazzjoni ssir minn Stat Membru, din għandha tinkludi:

(a) id-dikjarazzjoni li tikkonferma li l-approvazzjoni u l-komunikazzjoni tal-emenda temporanja jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda temporanja skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan;

(b) id-deċiżjoni nazzjonali li tapprova l-emenda temporanja kif ippubblikata fil-livell nazzjonali;

(c) id-deċiżjoni jew l-att tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji jew li jirrikonoxxu formalment diżastru naturali jew kundizzjonijiet ħżiena tat-temp jew disturbi sinifikanti fis-suq minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, inkluż avvenimenti ġeopolitiċi, li jaffettwaw il-provvista ta' materja prima jew ir-referenza elettronika rispettiva għall-pubblikazzjoni fil-livell nazzjonali.

3. Il-komunikazzjonijiet tal-approvazzjoni ta' emenda temporanja li tikkonċerna prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu akkumpanjati minn dan li ġej:

(a) id-deċiżjoni li tapprova l-emenda temporanja meħuda fil-pajjiż terz;

(b) id-deċiżjoni jew l-att tal-awtoritajiet kompetenti li jimponi miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji jew li jirrikonoxxi formalment diżastru naturali jew kundizzjonijiet ħżiena tat-temp jew disturbi sinifikanti fis-suq minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, inkluż avvenimenti ġeopolitiċi li jaffettwaw il-provvista ta' materja prima, kif ippubblikati fil-livell nazzjonali;

(c) prova li l-emenda hija applikabbli fil-pajjiż terz.

4. Komunikazzjoni ta' emenda temporanja approvata minn Stat Membru għandha titfassal f'konformità mal-formola magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

5. Għall-komunikazzjonijiet minn pajjiżi terzi għandha tintuża l-formola stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 14

Kanċellazzjoni

1. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha tinkludi:

(a) l-isem irreġistrat propost għall-kanċellazzjoni bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u s-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) l-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li minnu toriġina l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata mill-kanċellazzjoni;

(c) l-isem tal-Istat Membru, tal-pajjiż terz, jew tal-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita jew residenti fil-pajjiż terz li qed tissottometti t-talba għall-kanċellazzjoni lill-Kummissjoni;

(d) l-isem tal-persuna fiżika jew ġuridika li qed titlob il-kanċellazzjoni fl-istadju nazzjonali tal-proċedura, jekk ikun hemm;

(e) għal talbiet minn pajjiżi terzi, l-isem tal-awtoritajiet, jew tal-korpi, li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(f) dikjarazzjoni li tispjega l-interess leġittimu tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-punti (c) u (d);

(g) il-klassifikazzjoni tal-prodott f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(h) indikazzjoni li l-kanċellazzjoni hija mitluba f'konformità mal-Artikolu 25(1), il-punti (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(i) spjegazzjonijiet u raġunijiet għall-kanċellazzjoni;

(j) għal talba għall-kanċellazzjoni sottomessa minn Stat Membru, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna fiżika jew ġuridika, jew tal-awtorità jew tal-korpi tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c), (d) u (e), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Id-dettalji ta' kuntatt ta' dawk il-persuni, l-awtoritajiet jew il-korpi ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mit-talba għall-kanċellazzjoni. Madankollu, għandhom jiġu ppubblikati l-ismijiet tagħhom.

2. Talba għall-kanċellazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. L-Istati Membri jistgħu jibdew l-istadju nazzjonali tal-proċedura ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess. F'dak il-każ, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (d) u (f), tista' titħalla barra.

4. F'każ ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tal-Kummissjoni stess, il-proċedura għandha tibda direttament fl-istadju tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tippubblika għall-oppożizzjoni, il-proposta tagħha stess ta' kanċellazzjoni, li għandu jkun fiha l-elementi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, *mutatis mutandis*.

5. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika fuq l-inizjattiva tal-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat, skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandha tiġi sottomessa minn aġent b'mandat mill-produtturi, ħlief fil-każ ta' produttur uniku.

6. Talba għall-kanċellazzjoni skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 sottomessa lill-Kummissjoni għandu jkun fiha:

(a) l-isem irreġistrat propost għall-kanċellazzjoni bl-indikazzjoni tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika u s-settur (prodotti agrikoli, inbejjed jew xarbiet spiritużi);

(b) l-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li minnu toriġina l-indikazzjoni ġeografika kkonċernata mill-kanċellazzjoni;

(c) indikazzjoni li l-kanċellazzjoni hija mitluba f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(d) f'każ ta' talba sottomessa minn Stat Membru lill-Kummissjoni, l-isem tal-Istat Membru, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143, indikazzjoni dwar jekk il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni hijiex mitluba mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat jew mill-grupp ta' produtturi rikonoxxut ta' dak il-prodott u, fil-każ tal-aħħar, l-isem tal-grupp ta' produtturi rikonoxxut;

(e) f'każ ta' talba sottomessa minn awtorità ta' pajjiż terz lill-Kummissjoni, l-isem tal-awtorità tal-pajjiż terz u indikazzjoni li l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni hija mitluba mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat u raġunament li juri li t-talba tirrappreżenta r-rieda tal-produtturi tal-prodott meqjus fl-intier tiegħu;

(f) f'każ ta' talba sottomessa direttament lill-Kummissjoni mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat stabbilit jew residenti fil-pajjiż terz, l-isem tal-aġent b'mandat mill-produtturi li jagħmlu t-talba, il-prokura tiegħu u raġunament li juri li t-talba tirrappreżenta r-rieda tal-produtturi tal-prodott meqjus fl-intier tiegħu;

(g) il-klassifikazzjoni tal-prodott f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-grupp ta' produtturi rikonoxxut jew tal-aġent li jirrappreżenta lill-produtturi, imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Id-dettalji ta' kuntatt ta' tali awtoritajiet, gruppi ta' produtturi u aġenti ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mit-talba għall-kanċellazzjoni. Madankollu, għandhom jiġu ppubblikati l-ismijiet tagħhom.

7. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

8. L-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jkun fiha t-talba għall-kanċellazzjoni mimlija kif xieraq kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew 6 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 15

Iċċekkjar formali tat-talbiet għall-kanċellazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 10(6), l-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2024/1143 u mal-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika għandha titqies kompluta meta tinkludi l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 14(1) jew (6) u tikkonforma mal-Artikolu 14(2) jew (7).

2. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-entità li tagħmel it-talba kif xieraq.

Artikolu 16

Reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Ir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jiġi stabbilit bħala soluzzjoni diġitali li tippermetti l-ħżin tekniku tal-entrati kollha li jikkonċernaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-aċċess pubbliku għalihom, inkluż l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, għall-emenda tal-Unjoni u għall-kanċellazzjoni, ir-rifjuti, il-pubblikazzjonijiet għall-oppożizzjoni, ir-reġistrazzjonijiet, l-approvazzjonijiet tal-emendi tal-Unjoni, il-pubblikazzjonijiet ta' emendi standard u temporanji, u l-kanċellazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tkun is-sid ta' dak ir-reġistru tal-Unjoni. Is-soluzzjoni diġitali għandha tiġi ospitata u ġestita mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("EUIPO", European Union Intellectual Property Office), f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-*data* rilevanti disponibbli għall-EUIPO. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

2. Id-*data* li ġejja għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 kif xieraq:

(a) l-isem jew l-ismijiet irreġistrati tal-prodott, inkluż it-traskrizzjonijiet jew it-translitterazzjonijiet tagħhom f'karattri Latini, fejn applikabbli. Ismijiet multipli, traskrizzjonijiet u translitterazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati bħala ismijiet alternattivi, separati bi spazju, żbarra mmejla 'l quddiem u spazju ieħor;

(b) is-settur li għalih jappartjeni l-prodott (inbid, xarba spirituża jew prodott agrikolu);

(c) il-klassifikazzjoni tal-prodott f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(d) id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-Kummissjoni;

(e) id-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(f) referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(g) id-data tar-reġistrazzjoni;

(h) referenza elettronika għall-istrument li jirreġistra l-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(i) informazzjoni li l-isem huwa rreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta jew bħala indikazzjoni ġeografika protetta (għall-inbejjed u l-prodotti agrikoli) jew bħala indikazzjoni ġeografika (għax-xarbiet spiritużi);

(j) indikazzjoni tal-pajjiż jew tal-pajjiżi tal-oriġini;

(k) in-numru tal-fajl;

(l) isem u indirizz u, fejn disponibbli, kwalunkwe informazzjoni oħra ta' kuntatt tal-grupp ta' produtturi rikonoxxut, fejn applikabbli;

(m) ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet ta' kontroll, fil-każ ta' indikazzjoni ġeografika li toriġina f'pajjiż terz.

3. F'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (f), għandha tiġi rreġistrata d-*data* li ġejja:

(a) fil-każ ta' prodotti agrikoli u nbejjed:

(i) meta ż-żona ġeografika ddefinita taqa' fit-territorju ta' Stat Membru, ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tad-dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fl-Istat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew, jekk tkun inbidlet matul il-proċedura, l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament;

(ii) meta ż-żona ġeografika ddefinita taqa' fit-territorju ta' pajjiż terz, ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tad-dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u referenza elettronika għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew, jekk tkun inbidlet matul il-proċedura, l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament;

(iii) għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li għalihom qatt ma ġie ppubblikat dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, referenza elettronika għall-iskeda sommarja, id-dokument uniku jew dokument ekwivalenti, u għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew il-fajl tekniku, jew referenza elettronika għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew għall-fajl tekniku kif xieraq;

(b) fil-każ ta' xarbiet spiritużi:

(i) meta ż-żona ġeografika ddefinita taqa' fit-territorju ta' Stat Membru, ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tad-dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fl-Istat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew, jekk tkun inbidlet matul il-proċedura, l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament;

(ii) meta ż-żona ġeografika ddefinita taqa' fit-territorju ta' pajjiż terz, ir-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tad-dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u referenza elettronika għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, jew, jekk tkun inbidlet matul il-proċedura, għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament;

(iii) għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li għalihom qatt ma ġie ppubblikat dokument uniku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, referenza elettronika għall-ispeċifikazzjonijiet ewlenin tal-fajl tekniku u għall-fajl tekniku jew referenza elettronika għall-fajl tekniku, kif xieraq.

4. B'referenza għall-paragrafu 2, il-punt (h), fin-nuqqas ta' strument speċifiku li jirreġistra l-isem, għandha tiġi rreġistrata d-*data* li ġejja:

(a) fil-każ ta' nbid protett skont l-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-referenza għal dak l-Artikolu u r-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(b) fil-każ ta' xarbiet spiritużi protett skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2019/787, ir-referenza għal dak l-Artikolu u r-referenza elettronika għall-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn il-Kummissjoni tapprova emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott jew tirċievi komunikazzjoni ta' emenda standard approvata jew annullata ta' speċifikazzjoni tal-prodott, id-*data* dwar l-emenda għandha tiġi rreġistrata skont il-lista fil-paragrafi 2 u 3, kif xieraq, b'effett mid-data li fiha l-emenda, jew l-annullazzjoni tagħha, tkun applikabbli fl-Unjoni. Għandhom jiġu rreġistrati referenzi elettroniċi għall-pubblikazzjoni ta' komunikazzjonijiet ta' emendi standard. Għandha tiġi rreġistrata referenza elettronika għall-pubblikazzjoni ta' dawk il-komunikazzjonijiet ta' emenda temporanja.

6. L-estratt mir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandu jinkludi d-*data* msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (e), u l-punti (g) sa (l).

7. Fejn ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika tkun ġiet ikkanċellata, ir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandu juri l-isem bħala kkanċellat mid-data li fiha l-att ta' implimentazzjoni rilevanti jidħol fis-seħħ. Dak ir-reġistru għandu jżomm rekord tal-kanċellazzjoni, inkluża r-referenza elettronika għad-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni.

8. Fejn il-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni, jew talba għall-kanċellazzjoni, l-isem, in-numru tal-fajl, il-klassifikazzjoni tal-prodott, il-pajjiż tal-oriġini, it-tip ta' applikazzjoni, id-data u l-istatus tal-applikazzjoni jew tat-talba riċevuta għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. Id-data tal-pubblikazzjoni u r-referenza elettronika għal dik il-pubblikazzjoni għandhom jiġu rreġistrati wkoll ladarba l-applikazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandu jżomm rekord tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjonijiet, inkluża r-referenza elettronika għad-deċiżjoni ta' rifjut.

9. Id-*data* msemmija fil-paragrafi 2 sa 5, 7 u 8 ta' dan l-Artikolu għandha tibqa' fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għaż-żamma tar-referenza elettronika għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2024/1143, attiva u li tiffunzjona kif suppost sakemm l-indikazzjoni ġeografika tibqa' protetta. Ir-referenza elettronika għandha twassal direttament għall-verżjoni aġġornata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott individwali. Din ma għandhiex twassal għal paġni intermedji jew iperlinks.

Artikolu 17

Attestazzjoni ta' konformità

1. Jekk Stat Membru japplika sistema ta' attestazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 45(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-attestazzjoni li tiċċertifika l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija f'dak l-Artikolu tista' tkun f'forma elettronika u tista' ssir disponibbli billi tintwera fuq paġna web li l-operatur ikollu aċċess għaliha u li minnha l-operatur jista' jniżżel l-attestazzjoni. Dik l-attestazzjoni għandha tiddikjara d-data tal-ħruġ tagħha u għandha tkun b'karattri Latini jew akkumpanjata minn traskrizzjoni jew translitterazzjoni f'karattri Latini.

Jekk Stat Membru japplika sistema ta' listi ta' operaturi approvati, kif imsemmi fl-Artikolu 45(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-estratt tal-lista (entrata fil-lista) imsemmi f'dak l-Artikolu għandu jkun f'forma elettronika u għandu jkun disponibbli billi jintwera fuq paġna web li l-operatur ikollu aċċess għaliha u li minnha l-operatur jista' jniżżel estratt uffiċjali tal-entrata fil-lista korrispondenti. L-entrata fil-lista għandha tiddikjara d-data li fiha tfasslet. L-entrata fil-lista għandha tkun bil-karattri Latini jew għandha tkun akkumpanjata bi traskrizzjoni jew traslitterazzjoni f'karattri Latini.

2. L-attestazzjoni u l-entrata fil-lista għandu jkun fihom mill-inqas id-*data* li ġejja:

(a) l-isem tal-indikazzjoni ġeografika;

(b) numru ta' identifikazzjoni tas-serje li jidentifika l-operatur fis-sistema;

(c) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur;

(d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp delegat jew tal-persuna fiżika li lilha jkunu ġew iddelegati ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew tal-awtorità responsabbli għall-entrata fil-lista;

(e) in-negozju tal-operatur li għalih tapplika l-attestazzjoni jew l-entrata fil-lista, li jkun "produzzjoni", "proċessar", "bottiljar (imballaġġ)", u/jew "oħrajn" (li għandhom jiġu speċifikati mill-awtorità li toħroġ l-attestazzjoni);

(f) id-data tal-ħruġ tal-attestazzjoni jew id-data li fiha tfasslet l-entrata fil-lista;

(g) il-firma, is-siġill jew il-marka tal-korp delegat jew tal-awtorità responsabbli għall-entrata fil-lista, li jistgħu jkunu elettroniċi;

(h) il-klassifikazzjoni tal-prodott kif imsemmi fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. Sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, l-awtoritajiet u l-korpi li joħorġu l-attestazzjoni u l-entrata fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jużaw il-formola stabbilita fl-Anness IX.

4. Għall-prodotti manifatturati f'pajjiżi terzi, operatur li l-prodott tiegħu dežinjat mill-indikazzjoni ġeografika rreġistrata jiġi importat fl-Unjoni għandu jagħmel disponibbli għall-importatur tal-prodott fl-Unjoni, fuq talba tiegħu, prova taċ-ċertifikazzjoni bħala operatur ta' prodott dežinjat minn dik l-indikazzjoni ġeografika, kif ipprovdut mill-awtorità nazzjonali ta' kontroll jew mill-korp taċ-ċertifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz.

Il-prova taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tikkonsisti f'attestazzjoni jew f'entrata fil-lista ta' operaturi awtorizzati u tista' tiġi pprovduta direttament minn dik l-awtorità nazzjonali ta' kontroll jew korp taċ-ċertifikazzjoni. Il-prova taċ-ċertifikazzjoni tista' tkun f'forma stampata jew elettronika. Din għandha tkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni, jew inkella akkumpanjata minn traduzzjoni lejn lingwa uffiċjali tal-Unjoni u b'karattri li jistgħu jinftiehmu faċilment fl-Istati Membri fejn il-prodott jiġi kkummerċjalizzat. Ma għandhiex tkun skadiet, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-pajjiż terz, fid-data li fiha tkun saret disponibbli għall-importatur.

5. Il-prova taċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha ssir disponibbli mill-importatur fuq talba lill-awtoritajiet doganali jew lil awtoritajiet oħra fl-Unjoni involuti fil-verifika tal-użu ta' indikazzjonijiet ġeografiċi dwar oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew introdotti fis-suq tal-Unjoni. L-importatur jista' jagħmel il-prova taċ-ċertifikazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew għal kwalunkwe persuna li titlob prova taċ-ċertifikazzjoni matul in-negozju.

KAPITOLU III

Regoli speċifiċi għall-prodotti agrikoli

Artikolu 18

Regoli speċifiċi għad-deskrizzjoni tal-prodott

Id-dokument uniku għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta msemmi fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jidentifika l-prodott billi juża definizzjonijiet u standards użati b'mod komuni għal dak it-tip ta' prodott.

Id-deskrizzjoni għandha tiffoka fuq il-kwalitajiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott, kif imsemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2024/1143, bl-isem li għandu jiġi rreġistrat, bl-użu ta' unitajiet tal-kejl u termini komuni jew tekniċi, mingħajr ma jiġu inklużi l-karatteristiċi tekniċi inerenti għall-prodotti kollha ta' dak it-tip u r-rekwiżiti legali obbligatorji relatati applikabbli għall-prodotti kollha ta' dak it-tip.

Artikolu 19

Regoli speċifiċi dwar l-għalf

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' prodott li joriġina mill-annimali, li l-isem tiegħu huwa rreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta, għandha tinkludi regoli dettaljati dwar l-oriġini u l-kwalità tal-għalf.

Artikolu 20

Prova tal-oriġini

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta għandha tidentifika l-proċeduri li għandu jkollhom fis-seħħ l-operaturi fir-rigward tal-prova tal-oriġini li tikkonċerna l-prodott, il-materja prima, l-għalf u oġġetti oħrajn li, skont l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, għandhom ikunu ġejjin miż-żona ġeografika ddefinita.

L-operaturi għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw:

(a) il-fornitur, il-kwantità u l-oriġini tal-lottijiet kollha ta' materja prima u ta' prodotti riċevuti;

(b) ir-riċevitur, il-kwantità u d-destinazzjoni tal-prodotti fornuti;

(c) il-korrelazzjoni bejn kull lott ta' inputs imsemmija fil-punt (a) u kull lott ta' outputs imsemmija fil-punt (b).

KAPITOLU IV

SPEĊJALITAJIET TRADIZZJONALI GARANTITI

Artikolu 21

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni

1. Meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni tiġi sottomessa lill-Kummissjoni minn Stat Membru, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u d-dikjarazzjoni mill-Istat Membru li tikkonferma li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-informazzjoni dwar kwalunkwe oppożizzjoni ammissibbli fil-livell nazzjonali wara l-proċedura nazzjonali ta' eżami u oppożizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 57(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandhom jitfasslu f'konformità mal-formola magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 58(1) ta' dak ir-Regolament.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni għandha tkun akkumpanjata mill-indikazzjoni tal-isem tal-grupp ta' produtturi applikant fl-istadju nazzjonali tal-proċedura kif imsemmi fl-Artikolu 56(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143. Din id-*data* addizzjonali għandha tiġi kkomunikata f'konformità mal-formola magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 58(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Fejn l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni tiġi sottomessa lill-Kummissjoni minn awtorità ta' pajjiż terz jew minn applikant stabbilit jew resident f'pajjiż terz, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness X ta' dan ir-Regolament. Il-prokura meta l-applikant ikun rappreżentat minn aġent, kif imsemmi fl-Artikolu 57(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandha tiġi kkomunikata mingħajr ma jintuża format speċifiku.

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni għandha tkun akkumpanjata mill-indikazzjoni tal-isem tal-grupp ta' produtturi applikant fil-pajjiż terz, jekk ikun differenti mill-applikant fl-istadju tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 56(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, u mill-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti maħtura mill-pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 72(7) ta' dak ir-Regolament. Din id-*data* addizzjonali għandha tiġi kkomunikata mingħajr ma jintuża format speċifiku. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. Minbarra l-elementi msemmija fil-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, applikazzjoni konġunta għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni għandu jkun fiha l-elementi msemmija fl-Artikolu 57(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 22

Iċċekkjar formali tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-istadju tal-Unjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk applikazzjoni għar-reġistrazzjoni hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 56(3), l-Artikolu 57(2) u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2024/1143 u l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

2. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita sottomessa minn Stat Membru għandha titqies kompluta jekk tikkonforma mal-Artikolu 21(1).

3. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita sottomessa minn pajjiż terz għandha titqies kompluta jekk tikkonforma mal-Artikolu 21(2).

4. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha titqies kompluta meta tkun tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

5. Applikazzjoni sottomessa b'suċċess permezz tas-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 35 għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċekkjar formali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Applikazzjoni sottomessa permezz tal-posta elettronika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 23

Preżentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

1. Fejn l-isem ta' speċjalità tradizzjonali garantita jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi inkluża fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

2. L-ismijiet tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi inklużi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jiġu ppubblikati.

3. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott inkluża f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni sottomessa minn pajjiż terz għandha tkun f'format li jippermetti l-proċessar tat-test.

Artikolu 24

Regoli speċifiċi għad-deskrizzjoni tal-prodott u tal-metodu ta' produzzjoni

Id-deskrizzjoni tal-prodott għal speċjalità tradizzjonali garantita msemmija fl-Artikolu 54(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha ssemmi biss il-karatteristiċi meħtieġa biex jiġi identifikat il-prodott u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu. Ma għandhiex tirrepeti l-obbligi ġenerali, b'mod partikolari, rekwiżiti obbligatorji inerenti għall-prodotti kollha ta' dak it-tip.

Id-deskrizzjoni tal-metodu ta' produzzjoni msemmi fl-Artikolu 54(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha tinkludi biss il-metodu ta' produzzjoni fis-seħħ. Il-prattiki storiċi għandhom jiġu inklużi biss jekk ikunu għadhom qegħdin jiġu segwiti. Għandu jiġi deskritt biss il-metodu li huwa meħtieġ biex jinkiseb il-prodott speċifiku u dan għandu jsir b'tali mod li jippermetti r-riproduzzjoni tal-prodott kullimkien.

L-elementi ewlenin li jagħtu prova tal-karattru tradizzjonali tal-prodott għandhom jinkludu l-elementi ewlenin li baqgħu l-istess, b'referenzi preċiżi u stabbiliti sewwa.

Artikolu 25

Deskrizzjoni ta' bosta prodotti distinti

Fejn l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem jew l-approvazzjoni ta' emenda tiddeskrivi żewġ prodotti distinti jew aktar li huma intitolati li jużaw dak l-isem, il-konformità mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni għandha tintwera separatament għal kull prodott bħal dan.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "prodotti distinti" tfisser prodotti li, għalkemm jużaw l-istess isem irreġistrat, ikunu differenzjati meta jiġu introdotti fis-suq jew jitqiesu bħala prodotti differenti mill-konsumaturi.

Artikolu 26

Bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott matul il-proċedura ta' applikazzjoni

1. Jekk, wara l-iskambji msemmija fl-Artikolu 59(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, dak l-Istat Membru jqis li saru bidliet sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, li b'hekk jaffettwaw interessi li ma kinux tqiesu fil-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 56(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143, dawk il-bidliet għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' oppożizzjoni addizzjonali. F'dik il-proċedura nazzjonali addizzjonali ta' oppożizzjoni, l-Istat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni, titħalla tissottometti oppożizzjoni qabel ma l-verżjoni emendata tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

2. Jekk, wara l-iskambji msemmija fil-paragrafu 1, ikunu meħtieġa bidliet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal applikazzjoni sottomessa minn pajjiż terz, l-applikant tal-pajjiż terz għandu jaġġorna l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u jikkomunika dawk il-bidliet lill-Kummissjoni.

Artikolu 27

Preżentazzjoni ta' oppożizzjonijiet u ta' notifiki tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet

1. Oppożizzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament u għandu jkun fiha:

(a) l-isem ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, f'konformità mal-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(b) ir-referenza għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li fiha ġie ppubblikat l-isem li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(c) dikjarazzjoni li turi formalment l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dak l-isem;

(d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-awtorità tal-pajjiż terz jew tal-persuna fiżika jew ġuridika li tissottometti l-oppożizzjoni;

(e) deskrizzjoni tal-interess leġittimu tal-persuna fiżika jew ġuridika li ssottomettiet l-oppożizzjoni; dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal awtoritajiet nazzjonali;

(f) indikazzjoni tar-raġunijiet għal oppożizzjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(g) raġunijiet sostanzjati li jiġġustifikaw l-oppożizzjoni, inkluż dettalji tal-fatti, l-evidenza u l-kummenti b'appoġġ għall-oppożizzjoni;

(h) awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tittrażmetti d-*data* personali li tista' tkun inkluża fl-oppożizzjoni.

Fejn rilevanti, l-oppożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn.

2. In-notifika tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 61(6) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jkun fiha:

(a) l-isem ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C, li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(b) ir-referenza għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C li fiha ġie ppubblikat l-isem li għalih tirreferi l-oppożizzjoni;

(c) l-isem tal-opponent jew tal-opponenti;

(d) ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet;

(e) indikazzjoni dwar jekk l-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġietx modifikata u deskrizzjoni ta' dawn il-modifiki.

3. Jekk l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tkun ġiet modifikata, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott modifikata għandha tinhemeż man-notifika.

4. In-notifika tat-tmiem tal-konsultazzjonijiet wara l-proċedura ta' oppożizzjoni għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness XII.

5. Applikazzjoni sottomessa permezz tal-posta elettronika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 28

Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, imsemmija fl-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2024/1143, għandu jkun fiha:

(a) l-isem protett li għalih tirreferi l-emenda;

(b) l-intestaturi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott relatati mal-kwistjonijiet affettwati mill-emenda;

(c) deskrizzjoni tal-emendi proposti u r-raġunijiet għal kull emenda;

(d) l-ispeċifikazzjoni tal-prodott konsolidata kif emendata;

(e) għal applikazzjoni sottomessa minn Stat Membru, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143.

2. Il-Kummissjoni għandha tirċievi separatament u ma għandhiex tippubblika bħala parti mill-applikazzjoni:

(a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-applikant tal-grupp ta' produtturi fl-istadju tal-Unjoni tal-proċedura għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-grupp ta' produtturi applikant li jibda l-istadju nazzjonali tal-proċedura għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(c) kwalunkwe dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, kif imsemmi fl-Artikolu 21.

3. L-Istati Membri, l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u l-gruppi applikanti stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz għandhom jiżguraw konsistenza bejn l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emenda u l-ispeċifikazzjoni tal-prodott konsolidata u li ma jkun hemm l-ebda diverġenza materjali bejniethom. L-emendi elenkati fl-applikazzjoni għal approvazzjoni ta' emenda għandhom jikkorrispondu għall-emendi li effettivament saru fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Fejn tinstab inkonsistenza wara l-approvazzjoni ta' emenda, l-Istat Membru, il-pajjiż terz jew il-grupp ta' produtturi applikant li ssottometta l-applikazzjoni għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jirrimedja għal dik l-inkonsistenza.

4. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha titfassal f'konformità mal-forma magħmula disponibbli fis-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143. L-applikanti minn pajjiżi terzi għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni f'dik is-sistema diġitali.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143, flimkien mal-Artikolu 59(4) ta' dak ir-Regolament, minbarra d-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fih, kif emendati, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 29

Iċċekkjar formali tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-emendi

1. F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 56(3), l-Artikolu 57(2) u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2024/1143 u l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda ta' speċifikazzjoni tal-prodott għandha titqies kompluta jekk tinkludi l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 28(1) u (2), u tikkonforma mal-Artikolu 28(4).

3. Applikazzjoni sottomessa b'suċċess permezz tas-sistema diġitali tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 35 għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċekkjar formali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Applikazzjoni sottomessa permezz tal-posta elettronika li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 30

Kanċellazzjoni

1. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jkun fiha:

(a) l-isem irreġistrat propost għall-kanċellazzjoni;

(b) l-isem tal-Istat Membru, tal-pajjiż terz jew tal-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita jew residenti fil-pajjiż terz li tissottometti t-talba għall-kanċellazzjoni lill-Kummissjoni;

(c) l-isem tal-persuna fiżika jew ġuridika li qed titlob il-kanċellazzjoni fl-istadju nazzjonali tal-proċedura, jekk ikun hemm;

(d) għal talbiet minn pajjiżi terzi, l-isem tal-awtoritajiet, jew tal-korpi, li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

(e) dikjarazzjoni li tispjega l-interess leġittimu tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-punti (b) u (c);

(f) il-klassi tal-prodott kif imsemmija fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament;

(g) indikazzjoni li l-kanċellazzjoni hija mitluba f'konformità mal-Artikolu 67(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(h) spjegazzjonijiet u raġunijiet għall-kanċellazzjoni;

(i) għal talba għall-kanċellazzjoni sottomessa minn Stat Membru, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna fiżika jew ġuridika, jew tal-grupp ta' produtturi, jew tal-awtorità jew tal-korpi tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Għall-kuntrarju tal-ismijiet, id-dettalji ta' kuntatt ta' tali awtoritajiet, persuni, gruppi jew korpi, ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mit-talba għall-kanċellazzjoni.

2. Talba għall-kanċellazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. L-Istati Membri jistgħu jibdew l-istadju nazzjonali tal-proċedura ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess. F'dak il-każ, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (c) u (e), tista' titħalla barra.

4. F'każ ta' kanċellazzjoni fuq inizjattiva tal-Kummissjoni stess, il-proċedura għandha tibda direttament fl-istadju tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tippubblika għall-oppożizzjoni, il-proposta tagħha stess ta' kanċellazzjoni, li għandu jkun fiha l-elementi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, *mutatis mutandis*.

5. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita skont l-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha tiġi sottomessa minn aġent b'mandat mill-produtturi.

6. Talba għall-kanċellazzjoni skont l-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 sottomessa lill-Kummissjoni għandu jkun fiha:

(a) l-isem irreġistrat propost għall-kanċellazzjoni;

(b) indikazzjoni li l-kanċellazzjoni hija mitluba f'konformità mal-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(c) fil-każ ta' talba sottomessa minn Stat Membru lill-Kummissjoni, l-isem tal-Istat Membru, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, u indikazzjoni li l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni hija mitluba mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat;

(d) fil-każ ta' talba sottomessa minn awtorità ta' pajjiż terz lill-Kummissjoni, l-isem tal-awtorità tal-pajjiż terz u indikazzjoni li l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni hija mitluba mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat u raġunament li juri li t-talba tirrappreżenta r-rieda tal-produtturi tal-prodott meqjus fl-intier tiegħu;

(e) fil-każ ta' talba sottomessa direttament lill-Kummissjoni mill-produtturi tal-prodott ikkummerċjalizzat skont l-isem irreġistrat stabbilit jew residenti fil-pajjiż terz, l-isem tal-aġent b'mandat mill-produtturi li jagħmlu t-talba, il-prokura tiegħu u raġunament li juri li t-talba tirrappreżenta r-rieda tal-produtturi tal-prodott meqjus fl-intier tiegħu;

(f) il-klassi tal-prodott kif imsemmija fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament;

(g) deskrizzjoni tar-raġunijiet għall-kanċellazzjoni, għal finijiet ta' informazzjoni.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jew tal-aġent li jirrappreżenta lill-produtturi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (c), (d) u (e), għandhom jiġu kkomunikati separatament. Id-dettalji ta' kuntatt ta' tali awtoritajiet jew aġenti ma għandhomx jiġu ppubblikati bħala parti mit-talba għall-kanċellazzjoni. Madankollu, għandhom jiġu ppubblikati l-ismijiet tagħhom.

7. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita skont l-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandha titfassal f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni pprovduta tista' tiddaħħal mill-Kummissjoni fis-sistema diġitali tagħha msemmija fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

8. L-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jkun fiha talba għall-kanċellazzjoni mimlija kif xieraq kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew 6 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 31

Iċċekkjar formali tat-talbiet għall-kanċellazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja jekk talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita hijiex kompluta u jekk ġietx sottomessa f'konformità mal-Artikolu 56(3), l-Artikolu 57(2) u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2024/1143 u l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

2. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita għandha titqies kompluta meta tinkludi l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 30(1) jew (6) u tikkonforma mal-Artikolu 30(2) jew (7).

3. Talba għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita li tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqies bħala mhux sottomessa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-entità li tagħmel it-talba kif xieraq.

Artikolu 32

Reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti

1. Ir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti msemmi fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandu jiġi stabbilit bħala soluzzjoni diġitali li tippermetti l-ħżin tekniku tal-entrati kollha li jikkonċernaw l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u l-aċċess pubbliku għalihom, inkluż l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, għall-emenda u għall-kanċellazzjoni, ir-rifjuti, il-pubblikazzjonijiet għall-oppożizzjoni, ir-reġistrazzjonijiet, l-approvazzjonijiet ta' emendi u l-kanċellazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tkun is-sid ta' dak ir-reġistru. Is-soluzzjoni diġitali għandha tiġi ospitata u ġestita mill-Kummissjoni.

2. Id-*data* li ġejja għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 kif xieraq:

(a) l-isem jew l-ismijiet irreġistrati tal-prodott, fil-kitba oriġinali tiegħu jew tagħhom, inklużi t-traskrizzjonijiet jew it-translitterazzjoni tagħhom f'karattri Latini, fejn applikabbli. Ismijiet multipli, traskrizzjonijiet u translitterazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati bħala ismijiet alternattivi, separati bi spazju, żbarra mmejla 'l quddiem u spazju ieħor;

(b) il-klassifikazzjoni tal-prodott kif stabbilit fl-Anness XVIII;

(c) id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-Kummissjoni;

(d) id-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(e) referenza elettronika għall-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(f) id-data tar-reġistrazzjoni;

(g) referenza elettronika għall-istrument li jirreġistra l-isem;

(h) indikazzjoni tal-pajjiż jew tal-pajjiżi tal-oriġini tal-applikazzjoni;

(i) in-numru tal-fajl;

(j) l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet ta' kontroll, fil-każ ta' applikazzjoni li toriġina f'pajjiż terz.

3. Fejn il-Kummissjoni tapprova emenda ta' speċifikazzjoni tal-prodott, id-*data* dwar l-emenda għandha tiġi rreġistrata skont il-lista fil-paragrafu 2 kif xieraq, b'effett mid-data li fiha l-emenda ssir applikabbli fl-Unjoni. Għandha tiġi rreġistrata referenza elettronika għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-regolamenti li japprovaw emenda.

4. Fejn ir-reġistrazzjoni ta' speċjalità tradizzjonali garantita tkun ġiet ikkanċellata, ir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti għandu juri l-isem bħala kkanċellat mid-data li fiha l-att ta' implimentazzjoni rilevanti jidħol fis-seħħ. Dak ir-reġistru għandu jżomm rekord tal-kanċellazzjoni, inkluża r-referenza elettronika għad-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni.

5. Meta l-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-approvazzjoni ta' emenda jew talba għal kanċellazzjoni, l-isem, in-numru tal-fajl, il-klassi tal-prodott, il-pajjiż tal-oriġini, it-tip ta' applikazzjoni, id-data u l-istatus tal-applikazzjoni jew tat-talba riċevuta għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti. Id-data tal-pubblikazzjoni u r-referenza elettronika għal dik il-pubblikazzjoni għandhom jiġu rreġistrati wkoll ladarba l-applikazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti għandu jżomm rekord tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjonijiet, inkluża r-referenza elettronika għad-deċiżjoni ta' rifjut.

6. Id-*data* msemmija fil-paragrafi 2 sa 5 għandha tibqa' fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti.

Artikolu 33

Attestazzjoni ta' konformità

1. Jekk Stat Membru japplika sistema ta' attestazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 77(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-attestazzjoni li tiċċertifika l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija f'dak l-Artikolu tista' tkun f'forma elettronika. Din tista' ssir disponibbli billi tintwera fuq paġna web li għaliha l-operatur ikollu aċċess u li minnha l-operatur jista' jniżżel l-attestazzjoni. L-attestazzjoni għandha tiddikjara d-data tal-ħruġ tagħha u għandha tkun f'karattri Latini jew akkumpanjata minn traskrizzjoni jew traslitterazzjoni f'karattri Latini.

Jekk Stat Membru japplika sistema ta' listi ta' operaturi approvati, kif imsemmi fl-Artikolu 77(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-estratt tal-lista (entrata fil-lista) imsemmi f'dak l-Artikolu għandu jkun f'forma elettronika u għandu jkun disponibbli billi jintwera fuq paġna web li l-operatur ikollu aċċess għaliha u li minnha l-operatur jista' jniżżel estratt uffiċjali tal-entrata fil-lista korrispondenti. L-entrata fil-lista għandha tiddikjara d-data li fiha tfasslet. L-entrata fil-lista għandha tkun bil-karattri Latini jew għandha tkun akkumpanjata bi traskrizzjoni jew traslitterazzjoni f'karattri Latini.

2. L-attestazzjoni u l-entrata fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom mill-inqas id-*data* li ġejja:

(a) l-isem tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita;

(b) numru ta' identifikazzjoni tas-serje li jidentifika l-operatur fis-sistema;

(c) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur;

(d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp delegat jew tal-persuna fiżika li lilha jkunu ġew iddelegati ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali jew tal-awtorità responsabbli għall-entrata fil-lista;

(e) in-negozju tal-operatur li għalih tapplika l-attestazzjoni jew l-entrata fil-lista, li jkun "produzzjoni", "proċessar", "bottiljar (imballaġġ)", u/jew "oħrajn" (li għandhom jiġu speċifikati mill-awtorità li toħroġ l-attestazzjoni);

(f) id-data tal-ħruġ tal-attestazzjoni jew id-data li fiha tfasslet l-entrata fil-lista;

(g) il-firma, is-siġill jew il-marka tal-korp delegat jew tal-awtorità responsabbli għall-entrata fil-lista, li jistgħu jkunu elettroniċi;

(h) il-klassifikazzjoni tal-prodott kif imsemmija fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti.

3. Sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, l-awtoritajiet u l-korpi li joħorġu l-attestazzjoni u l-entrata fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jużaw il-formola stabbilita fl-Anness XVI.

4. Għall-prodotti manifatturati f'pajjiżi terzi, operatur li l-prodott tiegħu dežinjat mill-ispeċjalità tradizzjonali garantita rreġistrata jiġi importat fl-Unjoni għandu jagħmel disponibbli għall-importatur tal-prodott fl-Unjoni, fuq talba tiegħu, prova taċ-ċertifikazzjoni bħala operatur ta' prodott dežinjat minn dik l-ispeċjalità tradizzjonali garantita kif previst mill-awtorità nazzjonali ta' kontroll jew mill-korp taċ-ċertifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz.

Il-prova taċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tikkonsisti f'attestazzjoni jew f'entrata fil-lista ta' operaturi awtorizzati u tista' tiġi pprovduta direttament minn dik l-awtorità nazzjonali ta' kontroll jew korp taċ-ċertifikazzjoni. Il-prova taċ-ċertifikazzjoni tista' tkun f'forma stampata jew elettronika. Din għandha tkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni, jew inkella akkumpanjata minn traduzzjoni lejn lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u b'karattri li jistgħu jinftiehmu faċilment fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri fejn ikun ikkummerċjalizzat il-prodott. Ma għandhiex tkun skadiet, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-pajjiż terz, fid-data li fiha tkun saret disponibbli għall-importatur.

5. Il-prova taċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha ssir disponibbli mill-importatur fuq talba lill-awtoritajiet doganali jew lil awtoritajiet oħra fl-Unjoni involuti fil-verifika tal-użu ta' speċjalitajiet tradizzjonali garantiti dwar oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew introdotti fis-suq tal-Unjoni. L-importatur jista' jagħmel il-prova taċ-ċertifikazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew għal kwalunkwe persuna li titlob prova taċ-ċertifikazzjoni matul in-negozju.

KAPITOLU V

TIKKETTAR

Artikolu 34

Użu ta' simboli u indikazzjonijiet

1. Is-simboli tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 37(2) u fl-Artikolu 70(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandhom jiġu riprodotti kif stabbilit fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn is-simboli, l-indikazzjonijiet jew l-abbrevjazzjonijiet korrispondenti tal-Unjoni msemmija fl-Artikoli 37 u 70 tar-Regolament (UE) 2024/1143 ikunu jidhru fuq it-tikkettar ta' prodott, dawn għandhom ikunu akkumpanjati mill-isem irreġistrat.

3. L-indikazzjonijiet "DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA", "INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA" u "SPEĊJALITÀ TRADIZZJONALI GARANTITA" fi ħdan is-simbolu jistgħu jintużaw fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni kif stabbilit fl-Anness XVII.

KAPITOLU VI

KOMUNIKAZZJONIJIET

Artikolu 35

Komunikazzjonijiet mal-Kummissjoni

1. Id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Kapitoli I, II u III tar-Regolament (UE) 2024/1143 għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni kif ġej:

(a) għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, permezz tas-sistemi diġitali msemmija fl-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143;

(b) għall-awtoritajiet kompetenti, il-gruppi ta' produtturi, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti jew residenti f'pajjiż terz, permezz tal-posta elettronika bl-użu tal-formoli stabbiliti fl-Annessi I sa VIII u X sa XV ta' dan ir-Regolament.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 għandhom japplikaw għall-komunikazzjonijiet magħmula skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati Membri infurmati dwar il-bidliet li jkunu saru fis-sistemi diġitali msemmija fl-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu sottomessi permezz tal-posta elettronika mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri:

(a) l-oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 27(1);

(b) in-notifika tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 27(2);

(c) it-talba għall-kanċellazzjoni msemmija fl-Artikoli 14 u 30.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika u tagħmel disponibbli informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri permezz tas-sistema diġitali rilevanti f'konformità mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet kompetenti, lill-gruppi ta' produtturi, lill-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, fil-kuntest tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2.

4. Għall-komunikazzjonijiet tekniċi uffiċjali, kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni punt ta' kuntatt wieħed li jinkludi indirizz dipartimentali u postali, indirizz tal-kaxxa tal-posta elettronika funzjonali, u numru tat-telefown dipartimentali. L-Istati Membri għandhom iżommu dawn il-punti ta' kuntatt aġġornati. Din id-*data* għandha tidentifika biss il-funzjonijiet, l-uffiċċji u d-dipartimenti uffiċjali. L-ebda *data* ma għandha tidentifika xi persuni fiżiċi jew tagħti dettalji personali.

Il-Kummissjoni tista' żżomm, taħżen, taqsam, tippubblika u tiċċirkola perjodikament il-lista sħiħa ta' dawn il-punti ta' kuntatt, inklużi lis-servizzi tagħha stess, lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni, u lill-punti ta' kuntatt kollha fil-lista. Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi li din id-*data* tiġi sottomessa mill-Istati Membri permezz tas-sistemi diġitali msemmija fl-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 36

Sottomissjoni u wasla tal-komunikazzjonijiet

1. Il-komunikazzjonijiet u s-sottomissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35 għandhom jitqiesu li saru fid-data li fiha jaslu għand il-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet il-komunikazzjonijiet kollha riċevuti u l-fajls sottomessi permezz tas-sistema diġitali msemmija fl-Artikolu 35(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri permezz ta' dik is-sistema diġitali.

Il-Kummissjoni għandha tattribwixxi numru tal-fajl lil kull applikazzjoni ġdida għar-reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' speċjalità tradizzjonali garantita, il-komunikazzjoni dwar emendi standard approvati, u l-komunikazzjoni dwar emendi temporanji approvati.

Il-konferma tal-wasla għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl;

(b) l-isem tal-prodott ikkonċernat;

(c) id-data tal-wasla.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika u tagħmel disponibbli informazzjoni u rimarki dwar il-komunikazzjonijiet u s-sottomissjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu permezz tas-sistema diġitali msemmija fl-Artikolu 35(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma li rċeviet il-komunikazzjonijiet u s-sottomissjonijiet kollha tal-fajls riċevuti bil-posta elettronika, permezz tal-posta elettronika.

Il-Kummissjoni għandha tattribwixxi numru tal-fajl lil kull applikazzjoni ġdida għar-reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' speċjalità tradizzjonali garantita, il-komunikazzjoni dwar emendi standard approvati, u l-komunikazzjoni dwar emendi temporanji approvati u t-talba għall-kanċellazzjoni.

Il-konferma tal-wasla għandu jkollha mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) in-numru tal-fajl;

(b) l-isem tal-prodott ikkonċernat;

(c) id-data tal-wasla.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika u tagħmel disponibbli informazzjoni u rimarki dwar il-komunikazzjonijiet u s-sottomissjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu permezz tal-posta elettronika.

4. L-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u l-Artikoli 1 sa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika u għas-sottomissjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 37

Lingwa

Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha mibgħuta lill-Kummissjoni fir-rigward tal-proċeduri kkonċernati minn dan ir-Regolament għandhom ikunu b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

KAPITOLU VII

EMENDI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2019/34

Artikolu 38

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/34 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċekkjar relatat ma' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-modifika u t-tħassir ta' termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid";

(2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jikkonċernaw id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-settur tal-inbid fir-rigward taċ-ċekkjar u li jikkonċernaw it-termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) l-applikazzjonijiet għal protezzjoni;

(b) il-proċedura ta' oġġezzjoni;

(c) ir-reġistrazzjoni;

(d) l-infurzar tal-protezzjoni;

(e) il-modifika;

(f) it-tħassir tal-protezzjoni;

(g) il-komunikazzjonijiet.";

(3) L-Artikoli 2 sa 14 jitħassru;

(4) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Awtoritajiet responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

1. Meta jwettqu ċ-ċekkjar previst f'din it-Taqsima, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi delegati responsabbli għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati ma' żona ġeografika f'pajjiż terz, il-verifika annwali tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, matul il-fażi tal-produzzjoni u matul jew wara l-proċessar tal-inbid, għandha titwettaq minn:

(a) awtorità pubblika waħda jew aktar maħtura mill-pajjiż terz; jew

(b) korp taċ-ċertifikazzjoni wieħed jew aktar.

3. Il-korpi delegati msemmija fl-Artikolu 116a(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-korp taċ-ċertifikazzjoni wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw ma' wieħed mill-istandards li ġejjin kif rilevanti għall-kompiti delegati u jkunu akkreditati f'konformità miegħu:

(a) L-istandard EN ISO/IEC 17065 "Valutazzjoni tal-konformità — Rekwiżiti għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti, tal-proċessi u tas-servizzi";

(b) L-istandard EN ISO/IEC 17020 "Valutazzjoni tal-konformità — Rekwiżiti għat-tħaddim ta' diversi tipi ta' korpi li jwettqu spezzjoni".

4. Fejn l-awtorità msemmija fl-Artikolu 116a(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-awtorità waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu jivverifikaw il-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, għandhom joffru garanziji adegwati ta' oġġettività u imparzjalità, u għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jimponu tariffa fuq l-operaturi soġġetti għall-kontrolli biex ikopru l-kostijiet imġarrba għall-istabbiliment u għat-tħaddim tas-sistema ta' kontroll.

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj).";

(5) L-Artikolu 16 jitħassar;

(6) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dettalji tal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 116a(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, inkluż tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u, fejn applikabbli, tal-korpi delegati msemmija fl-Artikolu 116a(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtorità jew tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-korpi delegati.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xarbiet spiritużi u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).";

(7) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-verifika annwali mwettqa mill-awtorità kompetenti jew mill-korpi delegati msemmija fl-Artikolu 116a(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tikkonsisti f'dawn li ġejjin:";

(b) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi delegati ta' Stati Membri differenti responsabbli biex jitwettqu ċ-ċekkjar fuq denominazzjoni ta' oriġini protetta jew fuq indikazzjoni ġeografika protetta għandhom jikkooperaw bejniethom, b'mod partikolari biex jiżguraw li, rigward l-obbligi tal-imballaġġ, l-operaturi stabbiliti fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru fejn isseħħ il-produzzjoni tal-inbid li l-isem tiegħu hu reġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, jikkonformaw mal-obbligi ta' kontroll tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni.";

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw għall-inbejjed li jgawdu minn protezzjoni nazzjonali tranżizzjonali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1143.";

(8) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 jitħassru;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, kif ukoll persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom interess leġittimu skont dan ir-Regolament jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, permezz tal-indirizz tal-posta elettronika indikat fl-Anness XII, il-Parti B, sabiex jiksbu informazzjoni dwar il-metodi ta' komunikazzjoni u dwar kif l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu III għandha ssir disponibbli.";

(9) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jitħassar;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u l-Artikoli 1 sa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika u għas-sottomissjoni tal-informazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(10) L-Artikolu 32 jitħassar;

(11) Fl-Artikolu 33, jitħassar l-ewwel paragrafu;

(12) L-Annessi I sa VII u l-Anness XII, il-Parti A, jitħassru.

KAPITOLU VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 39

Tħassir

Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014 u (UE) 2021/1236 jitħassru.

Artikolu 40

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

PARTI I

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

1. **Isem/Ismijiet** ***[tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP) jew tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP)]***

...

[Daħħal l-isem/ismijiet propost(i) għar-reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott jew pubblikazzjoni skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27 jew skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/26, l-isem/ismijiet irreġistrat(i). Daħħal l-isem/ismijiet il-ġdid/ġodda fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda ta' speċifikazzjoni tal-prodott li temenda l-isem]

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

[Immarka "X" fil-kaxxa t-tajba.] DOP ☐ IĠP ☐

3. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

...

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

...

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

...

[Il-punti ewlenin imsemmija fl-Artikolu 49(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1143. Biex tidentifika l-prodott, uża d-definizzjonijiet u l-istandards komunement użati għal dak il-prodott. Fid-deskrizzjoni tal-prodott, li għalih huma msemmija regoli speċifiċi fl-Artikolu 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/26, iffoka fuq il-kwalitajiet u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, billi tuża unitajiet ta' kejl u termini komuni jew tekniċi, mingħajr ma tinkludi karatteristiċi tekniċi inerenti għall-prodotti kollha ta' dak it-tip u rekwiżiti legali obbligatorji relatati applikabbli għall-prodotti kollha ta' dak it-tip]

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali ddeżinjati b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati deżinjati minn Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

...

[Għal DOP: f'każ li l-għalf jista' jiġi minn barra ż-żona, ipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' dawk l-eċċezzjonijiet u aġħti ġustifikazzjonijiet. Dawk l-eċċezzjonijiet iridu jkunu f'konformità mal-Artikolu 47(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2024/1143. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt.

Għal IĠP: Iddikjara kwalunkwe restrizzjoni għall-oriġini tal-materja prima. F'konformità mal-Artikolu 47(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, iġġustifika kwalunkwe restrizzjoni bħal din fir-rigward tar-rabta msemmija fl-Artikolu 49(1), il-punt (f)(ii), ta' dak ir-Regolament. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt.]

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

...

[Għal IĠP: Indika l-pass speċifiku li jrid isir fiż-żona ġeografika definita u aqħti l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni. Jekk ir-restrizzjoni tkun ekwivalenti għal restrizzjoni għall-oriġini tal-materja prima, tkun meħtieġa ġustifikazzjoni fir-rigward tar-rabta msemmija fl-Artikolu 49(1), il-punt (f)(ii), tar-Regolament (UE) 2024/1143. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt.]

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

...

[Għandhom jiġu inklużi biss regoli speċifiċi għall-prodott u mhux regoli applikabbli b'mod ġenerali. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt. F'każ ta' restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-imballaġġ jew minn rekwiżiti applikabbli oħra, għandu jiżdied sommarju tal-ġustifikazzjoni speċifika għall-prodott ipprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.]

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

...

[Għandhom jiġu inklużi biss regoli speċifiċi għall-prodott u mhux regoli applikabbli b'mod ġenerali. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt. F'każ ta' restrizzjonijiet li jirriżultaw mir-rekwiżiti tat-tikkettar, għandu jiżdied sommarju tal-ġustifikazzjoni speċifika għall-prodott ipprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.]

5. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

[Fejn xieraq, daħħal mappa taż-żona.]

...

6. **Rabta maż-żona ġeografika**

...

[Għal DOP: sommarju tar-rabta bejn il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott u l-ambjent ġeografiku pprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Għal IĠP: sommarju tar-rabta bejn kwalità partikolari, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott u l-oriġini ġeografika tiegħu pprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Iddikjara b'mod espliċitu fuq liema mill-fatturi partikolari (reputazzjoni, kwalità partikolari, karatteristika oħra tal-prodott agrikolu) hija bbażata r-rabta u aqħti informazzjoni biss fir-rigward tal-fatturi rilevanti, inklużi, fejn xieraq, elementi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw ir-rabta.]

Referenza għall-pubblikazzjoni fil-pajjiż terz tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika kif protetta fil-pajjiż terz, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143:

...

[Jekk jogħġbok daħħal referenza sempliċi u mhux iperlink.]

Annessi

1. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

2. Id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. Prova legali tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.

4. Prokura meta l-applikant ikun rappreżentat minn aġent.

PARTI II

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

1. **Isem/Ismijiet *[ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP) jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP)]***

...

[Daħħal l-isem/ismijiet propost(i) għar-reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott jew pubblikazzjoni skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27 jew skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/26, l-isem/ismijiet reġistrat(i). Daħħal l-isem/ismijiet il-ġdid/ġodda fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda ta' speċifikazzjoni tal-prodott li temenda l-isem]

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

[Immarka "X" fil-kaxxa t-tajba.] DOP☐ IĠP☐

3. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika demarkata**

...

4. **Klassifikazzjoni tal-inbid f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

...

5. **Kategoriji tal-prodotti tad-dielja kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

...

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

6.1. *Karatteristiċi organolettiċi*

Apparenza viżiva

Aroma

Togħma

...

6.2. *Karatteristiċi analitiċi*

...

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

...

[Għandha tingħata deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed għal kull kategorija ta' prodott tad-dielja. Tista' tingħata wkoll deskrizzjoni addizzjonali għal kull kulur differenti ta' nbid (eż. abjad, aħmar, rożè) jew għal tipi speċifiċi ta' nbid.]

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom *[Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt.]*

...

7.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

...

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

...

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika demarkata**

...

[Fejn xieraq, daħħal mappa taż-żona.]

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

...

[Għal DOP: sommarju tar-rabta bejn il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-inbid u l-ambjent ġeografiku pprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Għal IĠP: ir-rabta bejn kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-inbid u l-oriġini ġeografika tiegħu.

Iddikjara b'mod espliċitu fuq liema mill-fatturi partikolari (kwalità speċifika, reputazzjoni, karatteristika oħra tal-inbid) hija bbażata r-rabta u agħti informazzjoni biss fir-rigward tal-fatturi rilevanti, inklużi, fejn xieraq, elementi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw ir-rabta.]

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tikkettar u kwalunkwe rekwiżit applikabbli essenzjali ieħor tal-inbid li għalih jirreferi l-isem reġistrat

...

[Għandhom jiġu inklużi biss regoli speċifiċi għall-prodott u mhux regoli applikabbli b'mod ġenerali. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt.

F'każ ta' restrizzjonijiet, għandu jiżdied sommarju tal-ġustifikazzjoni speċifika għall-prodott ipprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

F'każ ta' derogi li jikkonċernaw il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata, jekk jogħġbok indika l-postijiet eżatti li fihom il-prodott jista' jsir inbid u l-kwalifika f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).]

Referenza għall-pubblikazzjoni fil-pajjiż terz tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika kif protetta fil-pajjiż terz, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143:

...

[Jekk jogħġbok daħħal referenza sempliċi u mhux iperlink.]

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/33/oj).

Annessi

1. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott.
2. Id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143.
3. Prova legali tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.
4. Prokura meta l-applikant ikun rappreżentat minn aġent.

PARTI III

DOKUMENT UNIKU

Indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xarbiet spiritużi

1. **Isem/Ismijiet [tal-*Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ)*]**

   ...

   [Daħħal l-isem/ismijiet propost(i) għar-reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni ta' speċifikazzjoni tal-prodott jew pubblikazzjoni skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/27 jew skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/26, l-isem/ismijiet reġistrat(i). Daħħal l-isem/ismijiet il-ġdid/ġodda fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda ta' speċifikazzjoni tal-prodott li temenda l-isem.]

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   Indikazzjoni Ġeografika

3. **Pajjiż terz li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

   ...

4. **Klassifikazzjoni tax-xarba spirituża f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

   ...

5. **Kategorija jew kategoriji, kif elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/787, li għaliha/għalihom tappartjeni x-xarba spirituża**

   ...

   [Jekk jogħġbok ipprovdi l-kategorija ta' xarba spirituża kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/787, jew indika t-terminu "xarba spirituża" jekk il-prodott ma jaqa' fl-ebda waħda mill-kategoriji ta' dak l-Anness.]

6. **Metodu tal-produzzjoni**

   ...

7. **Deskrizzjoni tal-karatteristiċi tax-xarba spirituża**

   ...

   [Inkluż il-materja prima li minnha tiġi prodotta, jekk xieraq, kif ukoll il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi jew organolettiċi prinċipali tal-prodott u l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott meta mqabbel ma' xarbiet spiritużi tal-istess kategorija.]

8. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

   ...

   [Fejn xieraq, daħħal mappa taż-żona.]

9. **Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ u t-tikkettar tax-xarba spirituża li għaliha jirreferi l-isem reġistrat**

...

[*Għandhom jiġu inklużi biss regoli speċifiċi għall-prodott u mhux regoli applikabbli b'mod ġenerali. Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt. F'każ ta' restrizzjonijiet, għandu jiżdied sommarju tal-ġustifikazzjoni speċifika għall-prodott ipprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.*]

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

...

[Sommarju tar-rabta bejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tax-xarba spirituża u l-oriġini ġeografika tagħha pprovduta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Iddikjara b'mod espliċitu fuq liema mill-fatturi partikolari (kwalità, reputazzjoni, karatteristika oħra tax-xarba spirituża) hija bbażata r-rabta u agħti informazzjoni biss fir-rigward tal-fatturi rilevanti, inkluż, fejn xieraq, elementi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw ir-rabta.]

Referenza għall-pubblikazzjoni fil-pajjiż terz tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika kif protetta fil-pajjiż terz, kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/1143:

...

[Jekk jogħġbok daħħal referenza sempliċi u mhux iperlink.]

Annessi

1. L-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

2. Id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1143.

3. Prova legali tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż tal-oriġini tagħha.

4. Prokura meta l-applikant ikun rappreżentat minn aġent.

ANNESS II

OPPOŻIZZJONI INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

(Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

Din hija oppożizzjoni għal:

☐ Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

☐ Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

☐ Talba għall-kanċellazzjoni

ta':

1. **Isem il-prodott**

...

[Kif mogħti fil-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali (ĠU) jew kif irreġistrat.]

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

[Immarka "X" fil-kaxxa t-tajba.] DOP☐ IĠP☐ IĠ☐

3. **Settur**

[Immarka "X" fil-kaxxa t-tajba.]

☐ prodotti agrikoli

☐ inbejjed

☐ xarbiet spiritużi

4. **Referenza uffiċjali tal-pubblikazzjoni tal-att li l-oppożizzjoni topponi għalih**

[Kif mogħti fil-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali (ĠU).]

Numru ta' referenza:...

Data tal-pubblikazzjoni fil-ĠU:...

5. **Isem l-opponent**

...

[Stat Membru, pajjiż terz, persuna fiżika jew ġuridika stabbilita jew residenti f'pajjiż terz.]

6. **Dettalji ta' kuntatt tal-opponent**

Awtorità nazzjonali jew grupp/organizzazzjoni/individwu:

[Isem il-persuna ta' kuntatt: Titlu: ... Isem sħiħ: ...]

[Isem id-Dipartiment li għalih tappartjeni l-persuna:]

[Indirizz:...]

[Telefown: + ...]

[email:...]

7. **Interess leġittimu (mhux meħtieġ għall-awtoritajiet nazzjonali).**

...

